MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Numru. 1318/2006

PULIZIJA
SPETTUR WALTER SPITERI
VS
AHMED XIH AHMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ahmed Xih Ahmed, ta' 27 sena, bin Mohamed u Maria Feris, imwieled Siria nhar it-13 ta' Mejju 1979, u residenti f'indirizz mhux maghruf, akkuzat talli fit-18 ta' Dicembru 2006 f'Hal Ghaxaq u fil-Qajjenza, limiti ta' B'Bugia, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PC 1391 Ian Grech, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Akkuzat ukoll talli f'Hal Ghaxaq, saq vettura numru KAR 097 minghajr licenzja tas-sewqan, u minghajr polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji kontra terzi persuni.

Akkuzat ukoll talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 2).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 95 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15 tal-Kap 65, u Artikolu 3 tal-Kap 104, tikkundannah ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-eta' giovannili tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------